



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

6.6.2011

0031/2011

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar il-ħolqien ta' armata komuni tal-Unjoni Ewropea

**Giovanni Collino**

Skadenza għal tweġiba: 6.10.2011

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ħolqien ta' armata komuni tal-Unjoni Ewropea**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - A. billi l-Unjoni Ewropea taqdi l-irwol tagħha fil-ġeopolitika internazzjonali permezz tal-politika estera tas-sigurtà u d-difiża,
  - B. billi l-istorja tat-Trattati turi kif il-politika estera tal-Unjoni Ewropea għandha rwol dejjem aktar importanti fl-ambitu tal-istumenti li l-Unjoni Ewropea għandha biex timplimenta l-politiki tagħha,
  - C. billi strumenti ġodda bħal dawn għadhom ma sabux aċċettazzjoni denja tal-importanza tagħhom , kif juri l-irwol mhux prominenti tal-Unjoni Ewropea fil-livell tal-politika estera fil-kriżi tal-Mediterran
1. jistieden lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jintensifikaw l-isforzi biex jirnexxilhom joħolqu l-perkors ta' avviċinament adegwat, minn issa sal-2050, lejn armata komuni tal-UE;
  2. jissuġġerixxi li l-Kummissjoni turi, permezz ta' valutazzjoni tal-impatt, kemm ikkontribwixxew il-forzi ta' reazzjoni rapida u l-missionijiet ta' Petersberg għaż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali fl-aħħar 10 snin;
  3. jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex tistudja mekkaniżmu ġdid ta' deterrenza, li permezz tiegħu l-Istati Membri tal-Unjoni jippenjaw ruħhom biex jiżguraw li l-użu tal-armata komuni tal-UE jsir biss meta jiġi eżawrit kull mezz ieħor ta' koordinament tal-politika interna u estera biex jintlaħaq l-istess għan
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, bl-indikazzjoni tal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lir-Rappreentant Għoli tal-Politika Estera u s-Sigurtà u d-Difiża u lill-parlamenti tal-Istati Membri.